# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 12 ta' Frar 2020**

**Talba Numru 153/2019SFJ**

***Vodafone Malta Limited (C10865)***
***vs.***
***Josef Mallia (405488M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf u mija u tlettax-il Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€1,113.34) rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont numru 1.11014114 fuq talba u għall-benefiċċju tal-intimat, oltre l-ispejjeż u l-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba li tikkonsisti fis-segwenti:

i. Dokument X1 – *Statement* li jindika li l-ammont dovut huwa hekk dovut in konnessjoni ma' servizzi reżi bejn is-26 ta' Mejju 2016 u d-29 ta' Settembru 2017, liema *statement* jindika l-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni; u

ii. Dokument X2 – Affidavit ta' Dr Jeremy Debono datat 24 ta' Ġunju 2019 għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi li jikkonferma li l-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba għadu dovut u li s-soċjetà attriċi ippruvat tinterpella lill-konvenut aktar minn darba sabiex jersaq għall-ħlas, liema tentattivi kollha irriżultaw fin-negattiv tant li kellha tiġi intavolata din it-talba.

Ra li l-konvenut kienet debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali (ara fol. 13, 14 u 15 *et seq.*).

Ra li fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2020, is-soċjetà attriċi ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenuta li permezz tiegħu riedet tipprova taħt ġurament li hija debitriċi tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li l-konvenut ma deher għal ebda waħda mis-seduti miżmuma u ma ppreżenta ebda dokument jew sottomissjoni kwalsiasi.

Ra li fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2020, il-konvenut baqa' ma deherx biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni biex jikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li din it-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u mija u tlettax-il Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€1,113.34) u bl-imgħax li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**